MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1518/2002

**Mark Busuttil, u b'digriet tat-Tribunal tal-24 ta' Settembru 2002, l-isem ta' l-attur Mark ghandu jigi sostitwit bl-isem Mary kull fejn jirrikorri, u b'digriet tat-Tribunal tat-18 ta' Novembru 2002 wara l-isem Mary Busuttil ghandu jidher ukoll "u zewgha Paul Busuttil" u l-kelma attrici kull fejn tirrikorri ghandha tigi sostitwita bil-kelma atturi**

**vs**

**John Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u sitta u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm486.10) rappresentanti ammont dovut in linea ta' danni kkagunati lilhom bhala rizultat ta'l-incident stradali li sehh fis-26 ta' Novembru 2001 hdejn ir-

*roundabout* ta'l-Universita' fl-Imsida bejn il-vettura appartenenti lill-atturi bin-numru ta' registrazzjoni KAE395 u dik appartenenti lill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni DBD 294, liema incident stradali sehh minhabba in-negligenza, l-imperizja u in-nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali datata 18 ta' April 2002 kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taggha huwa eccepixxa illi it-talba attrici ghandha tigi michuda u dana ghax ghall-incident stradali mertu ta'l-avviz tahti unikament l-attrici.

Sema' x-xhieda ta'l-kontendenti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh vicin ir-*roundabout* ta'l-Universita gewwa l-Imsida, meta l-attrici kienet gejja mill-*By-Pass* ta' B'Kara sejra lejn id-direzzjoni tal-Marsa u kienet ghada kemm qabzet il-mina li hemm taht ir-*roundabout* ta'l-Universita. Il-konvenut min-naha tieghu kien gej minn mar-*roundabout* u nizel in-nizla li twassal sal-*By-Pass* minn fejn kienet gejja l-attrici.

Mix-xhieda tal-kontendenti jirrizultaw is-segwenti fatti:
1. Illi fit-tarf tat-triq min fejn kien hiereg il-konvenut sabiex jaqbad it-triq minn fejn kienet gejja l-attrici hemm *stop sign*.
2. L-attrici kienet lemhet il-vettura tal-konvenut hierga minn fuq l-*istop sign* u daqqitlu il-*horn*, izda l-konvenut baqa' hiereg.
3. Il-konvenut hares mill-mera li hemm fit-tarf tat-triq biss sabiex jivverifika jekk kenux gejjin karozzi mit-triq principali.
4. L-attrici ma setatx twaqqaf il-vettura taghha peress illi kien gej traffiku minn warajha u ghalhekk irrallentat biss

izda l-vettura tal-konvenut kienet wisq vicin u sehhet il-kollizzjoni.
5. Il-hsarat fil-vettura ta'l-attrici jinsabu fil-ponta tal-vettura in-naha ta' quddiem fuq ix-xellug, filwaqt illi l-hsarat fil-vettura tal-konvenut kienu fuq il-ponta ta' wara n-naha tal-lemin.

Illi ghandu jinghad illi gew mimlija zewg dikjarazzjonijiet *front-to-rear* mill-partijiet, liema dikjarazzjonijiet gew iffirmati it-tnejn miz-zewg sewwieqa. Dawn id-dikjarazzjonijiet huma esebieti u immarkati bala Dokumenti MB1 u JP2. Illi mill-fattispecje tal-incident kif elenkati iktar 'il fuq ghandu jinghad illi id-dikjarazzjoni mimlija mill-attrici u esebieta bhala Dokumenti MB1 hija iktar realistika minn dik maghmula mill-konvenut u dana peress illi l-iskizz maghmul minnu fl-ewwel lok ma jirriflettiex il-konfigurazzjoni tat-triq fejn sehh l-incident u fit-tieni lok il-posizzjoni tal-vetturi kif impingija mill-konvenut certament ma jistghux iwasslu ghal hsarat imgarrba miz-zewg vetturi.

Illi it-Tribunal ghalhekk irid jistabilixxi x'kienet il-kawza prossima ta' dan l-incident stradali sabiex tigi stabbilita ir-responsabbilta' ghall-istess. Jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi kien dmir sagrosant tal-konvenut illi jieqaf fuq l-*istop sign* li kien hemm fit-triq minn fejn kien hiereg. Huwa jikkontendi illi ghamel dan u ivverfika li ma kenux gejjin vetturi minn taht il-mina mill-mera li kien hemm fil-ponta tat-triq. It-Tribunal ma jistax jaqbel ma'l-affermazzjoni maghmula mill-konvenut li huwa ma setax jivverifika mod iehor li ma kenux gejjin vetturi minn fuq it-triq principali ghaliex jekk wiehed ihares daqsxejn lura, huwa possibbli illi is-sewwieq ikollu vizwali tat-traffiku li ikun gej mit-triq principali minghajr ma ikollu ghalfejn jisporgi 'il barra daqstant. Fuq kollox ma jirrizultax li il-vettura tal-konvenut kienet ta' xi proporzjonijiet kbar.

Min-naha ta'l-attrici jidher illi hija hadet il-prekawzzjonijiet necessarji sabiex tevita l-incident izda ma irnexxiliex x'aktarx peress illi l-konvenut baqa' hiereg minghajr lanqas biss indenja ruhu iwaqqaf. Fuq kollox l-attrici kienet qed issuq fid-dritt fil-karreggjata taghha u kien l-konvenut

li invada din il-karreggjata minghajr ma zamm *a proper lookout*. L-attrici ma setghet taghmel xejn iktar sabiex tevita l-incident. Hija irrallentat u daqqet il-*horn*, izda l-konvenut ghalkemm jidher illi sema dawn is-sinjali li tatu l-attrici sabiex tigbidlu l-attenzjoni, huwa xorta ghaddas rasu u baqa' isuq.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni ma jirrizultax illi hemm kontestazzjoni u kwindi it-Tribunal qieghed jistrieh fuq id-Dokument PB1 esebiet mill-attur Paul Busuttil a fol.19 u 20 tal-process.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi, illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata minnu, jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u sitta u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm486.10).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------